**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru : 87/2022 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**DR**

**Vs**

**JS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DR datat 14 ta' Frar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Ottubru tas-sena 2016 gewwa Malta u l-istess zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressive 3682, MR No. 2339/2016 (certifikat anness u mmarkat 'Dok A');*

2. *Illi mill-istess zwieg twieldu zewg ulied bl-isem ta' NS li twieled f'X u LS li twieldet f'Y (certifikat tat-twelidt anness bhala Dok B1 u B2);*

3. *Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Amanda Grech fil-25 ta' Ottubru 2021 (kuntratt anness u mmarkat Dok C) wara li gew debitament awtorizzati;*

4. *Illi l-partijiet ma ghexux flimkien sa mis-sena 2017 u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

5. *Illi filwaqt li l-obbligu ta' manteniment huwa kunsidrat fi klawsoli 14 sa 18 fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' nhar 25 ta' Ottubru 2021 jirrizulta li l-manteniment qatt ma gie mhallas. Din hija l-unika pendenza bejn il-partijiet u dan ir-rikors ma ghandux jigi interpretat bhala rinunzja ghall-istess;*

6. *Illi visto li tali nuqqas huwa attribwibbli lill-konvenut dan ma ghandux ikun ostaklu ghal procedura ta' divorzju kif kunsidrat minn din l-Onorabbli Qorti fir-Rikors Numru: 261/2020 JPG, JT vs RT, deciza 29 ta' Jannar 2021;*

7. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*GHALDAQSTANT, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet mahlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*(ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 6 ta' April 2022, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti jiskuza ruhu umilment mal-Qorti billi ma setghax jaghmel din in-nota precedentement ghaliex huwa fil-prezent jinsab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin;*

2. *Illi filwaqt li l-esponenti ma huwiex qed jopponi ghat-talba ghad-divorzju da parti ta' RD ghandu jissottolinja li kontrarjament ghal dak indikat fir-rikors promotur huwa ma huwiex inadempjenti fl-obbligu tieghu ta' manteniment.*

   *Il-kuntratt huwa car li ma ghandu jkollu l-ebda obbligu ta' manteniment hlief jekk ikun impjegat – u dan propju ghaliex ghal dawn l-ahhar snin l-esponenti jsoffri mill-marda t'addiction ghad-droga. Minhabba l-problemi li din il-marda gabet*

*fuqu (inkluz ta' homeless) l-esponenti fil-prezentement jinsab fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, meta johrog minn hemm ma huwiex ser ikollu saqaf ghal fuq rasu jew xoghol. Kien ghalhekk li fil-kuntratt ta' separazzjoni gie stabbilit li l-obbligu ta' manteniment jinsorgi biss fil-kaz li jirnexxilu jsib xoghol, f'liema sitwazzjoni l-esponenti ikun kuntent li jikkontribwixxi ghal manteniment tat-tfal tieghu. Imma f'dan l-istadju lanqas ma huwa possibbli li jmantni lilhu nnifsu.*

*Tant ghas-savju konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-partijiet kif assistiti nhar is-6 ta Gunju 2022, ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 16);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 10) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-15 ta' Ottubru 2016 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 25 t'Ottubru 2021 fl-atti tan- Nutar Dr Amanda Grech. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin sa mis-sena 2017.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu*

***separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-20 ta' Gunju 2008, liema zwieg jgib certifikat numru 3682/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Amanda Grech nhar il-25 ta' Ottubru 2021 (vide Dok C fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis illi pendenzi ta' manteniment jekk jirrizultaw, ma jrazznux l-azzjoni il-ghaliex mhuwiex l-allegat debitur ta' pagamenti ta' manteniment li qed jitlob d-divorzju vide sentenza *deciza 29 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet JT vs RT – Rik Nru 261/2020 JPG; vide ukoll sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Silvianne Falzon vs George Falzon deciza fit-23 ta' Gunju 2022 u Cheryl-Ann Gafa' vs Adrian Kenneth Sillato deciza 12 ta' Mejju 2022:*

***14. Madankollu bil-mod kif l-ewwel Qorti applikat l-Art. 66B(ċ) tal-Kodiċi Ċivili jkun ifisser li l-parti li m'għandhiex obbligu tħallas il-manteniment, f'dan il-każ ir-rikorrenti, ser issofri preġudizzju għaliex ma tkunx tista' titlob divorzju jekk il-konjuġi l-ieħor ikun moruż fil-ħlas ta' manteniment. Il-Qorti tifhem li l-iskop wara paragrafu (ċ) kien sabiex min ma jkunx qiegħed iħallas manteniment, eżempju f'każ ta' sentenza jew kuntratt ta' separazzjoni, ma jkollux jedd jitlob id-divorzju. Dan apparti li jkun perikoluż li wieħed jargumenta mod ieħor għaliex il-parti li għandha l-obbligu tal-manteniment, tista' tagħmel pressjoni fuq il-parti li titlob id-divorzju billi topponi t-talba jekk ma tirrinunzjax għall-manteniment. Fil-fatt l-ewwel Qorti osservat, "Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ma rrinunzjatx għall-manteniment". Parti li titlob id-divorzju m'għandha qatt titqiegħed f'pożizzjoni li jkollha tagħżel bejn divorzju u manteniment. Dan apparti li f'dan il-każ il-manteniment hu għat-tifel u mhux għar-rikorrenti…..***

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 3682/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**